

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq nuqqas ta' proċedura ta' investigazzjoni formali minkejja diffikultajiet serji u fuq ksur tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni min-naħħa tad-Deċiżjoni.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) tal-15 ta' April 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.56795 – id-Danimarka – Kumpens għall-ħsara kkawżata mill-imxija tal-COVID-19 lil Scandinavian Airlines (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

---

### Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2020 – Ryanair vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-379/20)**

(2020/C 255/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F. Laprévote, S. Rating u I. Metaxas-Maranghidis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) tal-24 ta' April 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.57061 (<sup>1</sup>); u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li huma simili għal dawk imqajma fil-Kawża T-378/20, Ryanair vs Il-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) tal-24 ta' April 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.57061 – l-Isvezja – Kumpens għall-ħsara kkawżata mill-imxija tal-COVID-19 lil Scandinavian Airlines (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

---